MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru 599/2010

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati (1) Rodrick Grima ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Grezzju u Filippa neè Barbara, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Marzu 1988 li joqghod fil-fond numru 74, Sqaq numru 3, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 136688 (M); (2) Rennie Fava ta’ sittax (16) -il sena bin Paul u Josephine nee’ Zammit imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Marzu, 1994 li joqghod fil-fond numru 74, Sqaq numru 3, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 148994 (M); u (3) Luke Vella ta’ erbatax (14)-il sena, bin Brian u Sonia nee’ Falzon, imwieled il-Pieta’ fil-11 ta’ Dicembru, 1995 li joqghod fil-fond numru 22, “MaxDiLuke”, Triq ir-Redentur, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 520895 (M), talli:

Fil-lejl ta’ bejn it-12 u 13 ta’ Gunju 2010 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin, f’hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u

liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur tal-Art.18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(a) Talli, u aktar talli, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Gunju, 2010 ghall-habta tat-2:45 ta' filghodu, f'Malta, flimkien ma' persuni ohra, assocjaw ruhom bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta u cioe' serq ta' mutur ta' l-ghamla Yamaha, mudell V80 mill-inhawi tax-Xghajra u liema delitt ta' serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.

(b) Talli fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Gunju, 2010 ghall-habta tas-1:00 ta' filghodu, minn Triq il-Biccieni, Haz-Zabbar, ikkomettew is-serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha, ta' lewn hamrani u bin-numru tar-registrazzjoni FAR-151, ghad-dannu ta' Carmelo Mangion minn Rahal Gdid, u liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.

(c) Talli fl-istess data, hin u lok ikkawzaw hsarat volontarji fuq il-mutur ta' l-ghamla Yamaha, ta' lewn hamrani u bin-numru tar-registrazzjoni FAR-151, li kien jinsab ipparkeggat fi Triq il-Biccieni, Haz-Zabbar, liema hsara teccedi t-23.29 Ewro, ghad-detriment ta' Carmelo Mangion minn Rahal Gdid u persuni ohra.

(d) Talli fil-lejl bejn it-12 u 13 ta' Gunju 2010, ghall-habta ta' nofsilejl, minn Misrah Gregorio Bonici, iz-Zejtun, ikkommettew is-serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha, ta' lewn hadrani, mudell V-80 u bin-numru tar-registrazzjoni: FAI-615, ghad-dannu ta' Michael Grixti miz-Zejtun u liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.

(e) Talli fl-istess data, hin u lok ikkawzaw hsarat volontarji fuq il-mutur tal-ghamla Yamaha, ta' lewn hadrani, mudell V-80 u bin-numru tar-registrazzjoni: FAI-615, li kien jinsab ipparkeggat f'Misrah Gregorio Bonici, iz-Zejtun, liema hsara teccedi t-23.29 Ewro, ghad-detriment ta' Michael Grixti miz-Zejtun u persuni ohra.

(f) Talli wkoll fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, xjentement, f'Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u xjentement, b'kull mod indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

(g) Talli wkoll fil-lejl bejn it-12 u 13 ta' Gunju 2010 u fil-granet ta' qabel, fil-gzejjer Maltin, saqu l-muturi tal-ghamla Yamaha u bin-numri ta' registrazzjoni: FAR-151, kif ukoll Yamaha mudell V-80 u bin-numru tar-registrazzjoni: FAI-615, minghajr ma kellhom licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b'hekk ma kienux koperti mill-polza tas-sigurta' ghal terzi persuni.

(h) Talli fil-lejl bejn it-12 u 13 ta' Gunju 2010 u fil-granet ta' qabel, saqu l-muturi tal-ghamla Yamaha u bin-numri ta' registrazzjoni: FAR-151, kif ukoll Yamaha mudell V-80 u bin-numru tar-registrazzjoni: FAI-615, b'negligenza u b'manjiera perikoluza.

(i) Talli fix-xahar ta' Lulju u Awwissu 2009, ikkommettew is-serq ta' kartiera u oggetti ohra, mill-bajja ta' San Tumas, gewwa Wied il-Ghajn ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Rodrick Grima u Luke Vella wahidhom:

(j) Talli wkoll fix-xahar ta' Lulju u Awwissu 2009, ghall-habta tal-11:00 ta' billejl, mill-inhawi tal-iskola Guze D'Amato, gewwa Rahal Gdid, ikkommettew is-serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha, ta' lewn hamrani, mudell V-80 u bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa, ghad-dannu ta' persuna/i mhux maghrufa u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.

(k) Talli fl-istess perjodu, ikkawzaw hsarat volontarji fuq il-mutur tal-ghamla Yamaha, ta' lewn hamrani, mudell V-80 u bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, liema hsara teccedi l-1,164.69 Ewro ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa.

(l) Talli fix-xahar ta’ Lulju jew Awwissu 2009, sau l-mutur tal-ghamla Yamaha, mudell V-80 u bin-numru ta’ registrazzjoni mhux maghrufa, minghajr ma kellhom licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b’hekk ma kienux koperti mill-polza tas-sigurta’ ghal terzi persuni.

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rodrick Grima wahdu:

(m) Talli wkoll fil-lejl bejn it-12 u t-13 ta’ Gunju, 2010, ghall-habta tas-2:00 ta’ filghodu, ikkommetta s-serq ta’ *crash helmet* minn Sqaq numru 3, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar liema serq hu aggravat bil-hin.

L-Ufficjali Prosekuturi in oltre talbu sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan tat-tlett imputati skond l-Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta u talbu wkoll sabiex din il-Qorti oltre li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mall-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll talbu sabiex il-Qorti barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurtà ta’ Carmelo Mangion u Michael Grixti imsemmijin fl-Att ta’ l-Akkuza.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Wara li rat illi kull wiehed mit-tlett imputati rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minn kull wiehed mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzathom bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkonceditilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Wara li rat illi l-Ufficjali Prosekuturi rrinunzjaw ghat-talba sabiex l-imputati jigu ikkundannati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti f’dan il-kaz ai

termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll irrinunzjaw ghat-talba sabiex din il-Qorti tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà ta' Carmelo Mangion u Michael Grixti;

Wara li rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputata;

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni ta' kull wiehed mill-imputati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom din il-Qorti jkollha necessarjament issibhom hatja tar-reati addebitati lilhom u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghhom.

Madanakollu ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' kull wiehed mit-tlett imputati fi stadju ferm bikri tal-proceduri, il-ko-operazzjoni taghhom mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet, il-fatt li l-muturi bin-numri tar-registrazzjoni FAR-151 u FAI-615 gew ritornati lill-proprjetarji taghhom u l-fatt li kull wiehed mit-tlett imputati ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi. l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 277(b), l-Artikolu 278(3), l-Artikolu 285, l-Artikolu 325 u l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ta' kull wiehed mit-tlett imputati ssib:

(1) Lil **Rodrick Grima** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija izda, billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ma jkunx ghaqli li tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' prigunerija izda huwa iktar ta' beneficcju li l-istess imputat jinghata opportunità ohra biex jirriforma ruhu, ai termini ta' l-Artikolu 28A(1) u l-Artikolu 28E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta it-terminu ta' sentejn (2)

prigunerija qed jigi sospiz ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

A tenur ta’ l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ma’ din is-sentenza sospiza l-Qorti qed taghti ordni ta’ supervizjoni, anness ma’ din l-istess sentenza, u b’hekk tqieghed lil Rodrick Grima taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ l-ordni. Kopja ta’ din is-sentenza u ta’ dan l-ordni ta’ supervizjoni ghandha tigi notifikata minnufih lill-ufficjal sorveljanti a tenur ta’ l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta

A tenur ta’ l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-imsemmi artikolu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet imposti fuqu fl-ordni ta’ supervizjoni li qed jinhareg illum.

A tenur ta’ l-Artikolu 3(2)(A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta u a tenur ta’ l-Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiskwalifika lil Rodrick Grima milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax (12)-il xahar mid-data ta’ din is-sentenza.

(2) Lil **Rennie Fava** hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ tmintax-il xahar (18) prigunerija izda, billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ma jkunx ghaqli li tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta’ prigunerija izda huwa iktar ta’ beneficcju li l-istess imputat jinghata opportunità ohra biex jirriforma ruhu, ai termini ta’ l-Artikolu 28A(1) u l-Artikolu 28E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta it-terminu ta’ tmintax-il xahar prigunerija qed jigi sospiz ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed taghti ordni ta' supervizjoni, anness ma' din l-istess sentenza, u b'hekk tqieghed lil Rennie Fava taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' l-ordni. Kopja ta' din is-sentenza u ta' dan l-ordni ta' supervizjoni ghandha tigi notifikata minnufih lill-ufficjal sorveljanti a tenur ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

A tenur ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-imsemmi artikolu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet imposti fuqu fl-ordni ta' supervizjoni li qed jinhareg illum.

A tenur ta' l-Artikolu 3(2)(A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiskwalifika lil Rennie Fava milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax (12)-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.

(3) Lil **Luke Vella** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija izda, billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ma jkunx ghaqli li tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' prigunerija izda huwa iktar ta' beneficcju li l-istess imputat jinghata opportunità ohra biex jirriforma ruhu, ai termini ta' l-Artikolu 28A(1) u l-Artikolu 28E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta it-terminu ta' tmintax-il xahar prigunerija qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

A tenur ta’ l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ma’ din is-sentenza sospiza l-Qorti qed taghti ordni ta’ supervizjoni, anness ma’ din l-istess sentenza, u b’hekk tqieghed lil Luke Vella taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ l-ordni. Kopja ta’ din is-sentenza u ta’ dan l-ordni ta’ supervizjoni ghandha tigi notifikata minnufih lill-ufficjal sorveljanti a tenur ta’ l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta

A tenur ta’ l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-imsemmi artikolu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet imposti fuqu fl-ordni ta’ supervizjoni li qed jinhareg illum.

A tenur ta’ l-Artikolu 3(2)(A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta u a tenur ta’ l-Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiskwalifika lil Luke Vella milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax (12)-il xahar mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna l-konfiska tal-*parts* tal-mutur ta’ l-ghamla Yamaha ta’ lewn hamrani, mudell V-80 u bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf.

In vista tar-rinunzja ta’ l-Ufficjali Prosekuturi ghat-talba taghhom li l-imputati jigu ikkundannati jhallsu l-ispejjez kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti f’dan il-kaz ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ghat-talba taghhom ghall-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurtà ta’ Carmelo Mangion u Michael Grixti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dawn l-istess talbiet.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u

kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------